**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 17 – IT-TNEJN, 6 TA' JANNAR 2014 FIS-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier (5.45) |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 16**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 15**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-inkjesta pendenti fuq il-bini tal-kunsill. Għandha tintbagħat reminder lill-Bord.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward l-appell pendenti tat-tenders tal-bulky refuse u non urban roads. Għandha tintbagħat reminder lill-Bord.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward l-ittra mibgħuta lill-Ministru Joe Mizzi rigward il-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu tkellem mal-Perit Chris Cachia. Għandu jerġa' jagħmel kuntatt miegħu fuq dan ir-rigward.

3.4.1 Ġie deċiż li tintbagħat ittra legali lill-Green Pak rigward l-issues pendenti li għandha mal-Kunsill.

3.5 Is-Sindku gab ghall-attenzjoni li l-Kunsill ircieva zewg ittri anonimi ohra. Dawn kienu idirizzati lis-Segretarju u ohra lill-Kunsillier Rita Saliba. Dawn gew mghoddija lill-Pulizija ghall-investigazzjonijiet.

**4 Korrispondenza**

4.1 Ġie deċiż li ma nissiebħux fil-"European Cities Against Drugs" minħabba l-ispejjeż nvoluti.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward it-talba għal release tal-garanzija mal-Mepa. L-applikant għamel żvilupp fi Triq Birkirkara. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jingħata r-release. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 6 favur u 1 kontra. Għandha tiġi kkomunikata wkoll lill-applikant li r-ritratti sottomessi huma għarrieqa.

**5. Affarjiet oħra**

5.1 Is-Sur Neville Mallia ġab għall-attenzjoni li hemm cover nieqes fil-bozza li tinsab fi Triq Ġużè Azzopardi, kif ukoll ilmenta li nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Jannar l-istaff tal-Kunsill fl-uffiċini ta' fuq kienu kollha bil-leave jew bis-sick leave. Hu nforma lill-Kunsill li mar il-latrina u ma sabx l-attendent preżenti, kif ukoll innota reklam imwaħħal ġewwa l-latrina. Hu spjega li impjegat tal-kuntrattur li jbattal id-doggie bins infurmah li dawn il-bins mhux qed jitbatlu nhar ta' Tlieta u l-Ħamis. Kien hemm diskussjoni fuq dawn.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat il-Kunsill li l-ammont miġbur għal Puttinu Cares, waqt l-attività taħt it-tinda kienet ta' 775 Ewro. Werit id-diżappunt li ma kienx hemm parteċipazzjoni minn ħafna mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ser jagħmel donazzjoni personali biex l-ammont jitla' għal 1000 Ewro. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sindku għal dan il-ġest.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni li kella issir white box fi Triq W Savona. Kien hemm diskussjoni rigward l-librerija. Wara li twaħħlu l-ixkaffef kollha, saret tindifa tajba, u għandhom jiġu l-Comtec jagħmlu trattament. Għandhom jiġu kkuntattjati l-iskejjel minħabba t-tindif regolari tal-librerija.

5.4 Is-Sur Malcolm Abdilla ġab għall-attenzjoni l-bżonn li ssir kaxxa safra fi Triq il-Korvu. Għandha ssir site visit mas-Sur Neville Mallia.

Is-Sur Mikhail Micallef skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.05pm.

5.4.1 Is-Sur Malcolm Abdillla informa lill-Kunsill li Triq il-Mensija ikollha l-ilma meta tagħmel ix-xita Hu ippropona li Triq Willie Apap issir one way lejn Triq Ugo Carbonaro minħabba li hija dejqa ħafna. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

5.5 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hemm bżonn titneħħa siġra tal-Fikus minn Misraħ il-Ward minħabba li qed tagħmel ħafna ħsara. Kien hemm qbil.

## 6. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 20 ta’ Jannar 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |